# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa 7 ta' Frar, 2024.

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 29/2020 ISB**

**Av. Henri Mizzi (K.I. 143565M) u b'digriet tat-8 ta' Novembru 2023 l-isem "Av. Henri Mizzi (K.I. 143565M)" ġie sostitwit bl-isem "Av. Marisa Vella (K.I. 397979M)" bħala mandatarju speċjali ta' Credit Suisse AG (numru ta' reġistrazzjoni CHE 106.831.974)**

**vs**

**INZ Trading Ltd (C 84054)**

**<u>DIGRIET GĦAR-RIKORS TAS-SOĊJETÀ INZ TRADING LTD INTAVOLAT FIT-13 TA' JANNAR 2023 GĦAS-SOPRASESSJONI TAL-PROĊEDURI FL-ISMIJIET FUQ ĊITATI</u>**

## Il-Qorti,

Rat ir-**rikors** tas-soċjetà **INZ Trading Ltd (C 84054)**, intavolat fit-13 ta' Jannar 2023 (fol 562) li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *"...tissopprasjedi din il-kawża sakemm il-kawża ppreżentata minn INZ Trading Ltd kontra Credit Suisse AG, bin-numru ta' referenza HG220080-O, tkun finalment deċiża, salv kwalunkwe ordni u provvediment li jidhrilha opportuni u xierqa."*

Rat ir-risposta tal-**Av. Henri Mizzi noe** bħala mandatarju speċjali ta' Credit Suisse AG intavolata fit-13 ta' Frar 2023 (fol 568).

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2023, il-partijiet qablu li l-Qorti tagħti provvediment dwar l-istess rikors tat-13 ta' Jannar 2023.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju 2023, il-partijiet trattaw it-talba *de quo*.

Rat l-atti kollha.

## Ikkunsidrat:

Illi min-naħa tagħha s-soċjetà intimata INZ Trading Ltd talbet sabiex il-proċeduri odjerni jiġu sospiżi sakemm ikun hemm deċiżjoni fil-*bona fide dispute* pendenti bejn l-istess partijiet quddiem il-Qorti Kummerċjali ta' Zurich fl-Isvizzera.

Tgħid illi l-proċeduri odjerni ġew ippreżentati taħt l-Artikolu 218(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta stante li r-rikorrent noe qed jistrieħ fuq l-interess ġuridiku tiegħu bħala kreditur tas-soċjetà intimata filwaqt li s-soċjetà intimata għandha pretensjoni kontra r-rikorrent noe ta' kreditu li jeċċedi dak tas-soċjetà intimata u għalhekk jista' jwassal għan-nuqqas ta' interess ġuridiku stante li ma jibqax jiġi kkunsidrat kreditur.

Tispjega li għalkemm it-talba oriġinali tagħha fil-proċeduri Svizzeri tikkonċerna ammont ferm inqas, dan jista' jiġi ammendat għall-kreditu kollu allegament dovut.

Issostni għalhekk illi ma jista' jkun hemm l-ebda diskussjoni tal-insolvenza o meno tas-soċjetà intimata sakemm il-proċeduri pendenti ġewwa l-Isvizzera jiġu determinati.

Fit-trattazzjoni tagħha żżid tgħid li l-proċeduri fl-Isvizzera ma sarux bħala tattika sabiex ittawwal iż-żmien iżda għax is-soċjetà intimata għandha pretensjoni leġittima.

Issostni li jekk kemm -il darba din il-Qorti ma tissosspendix il-proċeduri odjerni u tasal sabiex tippronunzja xoljiment, dan huwa irriversibbli u irrevokabbli u b'hekk jekk kemm -il darba s-sentenza fl-Isvizzera tkun favorevoli għaliha jista' jagħti l-każ li tkun ġiet sfurzata f'xoljiment bla bżonn.

Tgħid ukoll illi mhu ser ikun hemm ebda preġudizzju li wieħed jistenna l-eżitu tal-proċeduri fl-Isvizzera speċjalment in vista tal-fatt li r-rikorrenti noe hija nvoluta direttament fiha u għalhekk mhux il-każ li hu eżerċizzju fejn m'għandhiex kontroll.

Min-naħa tagħha, ir-**rikorrenti noe** ssostni li l-proċeduri li nfetħu fl-Isvizzera saru b'reazzjoni għall-proċeduri odjerni, fejn l-istess proċeduri ġew ippreżentati xhur wara li s-soċjetà intimata ppreżentat risposta għall-proċeduri odjerni u dan sar biss sabiex jittawlu l-proċeduri.

Iżżid illi s-soċjetà intimata lanqas biss kienet iddefendiet ruħha kontra l-proċeduri li r-rikorrenti noe. kienet għamlet kontra s-soċjetà intimata u dan minkejja li kienet notifikata.

Tgħid għalhekk li din il-Qorti għandha tiċħad t-talba tas-soċjetà intimata.

Fit-trattazzjoni tagħha, ir-rikorrenti noe insistiet fuq il-pożizzjoni tagħha u żżid li din il-Qorti għandha tikkunsidra li sakemm ikomplu jimxu l-proċeduri fl-Isvizzera, din il-Qorti tkompli tisma' l-provi sabiex ma jintilifx żmien bla bżonn.

Illi r-rikorrenti noe ssostni li l-proċeduri fl-Isvizzera kif intavolati mis-soċjetà intimata saru *in male fede* sabiex jostakolaw il-ħlas ta' djun lir-rikorrenti noe u jtawlu l-proċeduri ta' xoljiment li hu inevitabbli.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Il-Qorti tqis illi sewwa qalet is-soċjetà intimata illi l-ħsieb fil-kawża **Av. Jonathan Abela Fiorentino vs Eolia Limited** hija fondamentalment differenti fis-sens illi f'dik il-proċedura, id-disputa kienet fuq il-validita' tal-kuntratt li kien qed jagħti lok għall-allegati obbligazzjonijiet – u li għar-

raġunijiet ta' din il-Qorti f'dik is-sitwazzjoni, il-Qorti dehrilha illi kellha tħalli l-kawża *sine die* sakemm dawk il-proċeduri jkunu determinati. F'dan il-każ, il-materja, il-vertenza bejn il-partijiet hija meqjusa kompletament differenti.

Dan però ma jfissirx illi fil-kuntest tal-fatti u ċirkostanzi illi għandha quddiemha l-Qorti llum ma tistax tissussisti a *bona fide dispute*. Il-Qorti taghmel referenza għad-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' Marzu 2022[1] meta qalet:

> *Biex jigi stabbilit il-bona fide dispute, kif inoltre` kien stabbilit a sodisfazzjoni tal-Qorti fil-provvediment taghha tat-13 ta' Lulju 2020, jinhtieg certament aktar milli semplici allegazzjonijiet. <u>Jinhtieg illi d-disputa tkun reali u fattwali</u> – u ma hemmx isbah milli jkun hemm proceduri legali pendenti bejn il-kontendenti fir-rigward biex Qorti tkun tista' thossha komda tiddikjara illi hemm il-bona fide dispute.*

Għal din il-Qorti ċertament ma jfissirx illi l-mument illi jkun hemm proċeduri legali bejn il-partijiet, allura neċessarjament ifisser illi jkun hemm *a bona fide dispute* li tkun timmerita s-sospensjoni tal-proċeduri. Li jfisser hu illi l-Qorti jkollha quddiemha provi ferm aktar ċari biex jgħinuha tasal għad-deċiżjoni dwar jekk hemmx *a bona fide dispute*.

Il-Qorti tqis fuq kollox illi d-determinazzjoni tal-vertenza msemmija bejn il-partijiet jista' jkollha effetti dirett ukoll fuq l-eżami illi għad irid isir fil-kuntest ta' jekk il-kumpanija tkunx tista' tħallas id-djun tagħha.

Il-Qorti tqis dak illi qalu l-Avukat tad-ditta Lalive SA ta' Izvizzera (fol 501) meta stqarrew illi "*......The decision on the merits is up to the Zurich Commercial Court unless the parties settle. A judgment on the merits of the Patial Claim or the Claim (if INZ decided to increase the former up to the full amount of the latter) rendered by the Zurich Commercial Court would be subject to an appeal to SFC. INZ can chose to declare set-off of CS's claim against the Partial Claim or the Claim respectively*".

Il-Qorti tqis illi hawnhekk si tratta ta' proċeduri li ġew intavolati proprju wara li saret it-talba għax-xoljiment. Il-Qorti għandha quddiemha wkoll sitwazzjoni fejn il-kreditu li allegatament għandha s-soċjetà intimata fil-konfront tar-rikorrenti noe jista' potenzjalment jeċċedi l-kreditu diġà kkanonizzat a favur ir-rikorrenti noe b'tali mod li jekk kemm-il darba r-riżultat tal-vertenza bejn il-partijiet tkun favorevoli għas-soċjetà intimata,

---

[1] 246/2018ISB Av. Jonathan Abela Fiorentino noe vs Eolia Limited

ir-rikorrenti noe minn kreditur isir proprju debitur tas-soċjetà intimata u di più ikun hemm lok ghal tpacija.

Il-Qorti m'għandiex għalfejn tgħid wisq – illi dan il-provvediment qed jingħata b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet tar-rikorrenti noe illi tikkawtela l-pretensjonijiet kif jidhrilha l-aħjar u l-aktar mod xieraq skont il-liġi – iżda ma tħossx illi din il-miżura ta' talba għax-xoljiment u likwidazzjoni tal-kumpanija intimata hija f'dan l-istadju ġustifikata illi titkompla biex is-soċjetà rikorrenti tikkawtela d-drittijiet tagħha.

Li ma tridx il-Qorti huwa abbuż ta' proċeduri minn ebda parti. Tagħmilha ċara illi hija timxi *on a case by case basis*.

Il-fatt li l-proċeduri mis-soċjetà intimata fl-Isvizzera ġew intavolati wara li kienu diġà intavolati dawn il-proċeduri m'għandux iservi ta' preġudizzju fil-konfront tas-soċjetà intimata biex tressaq talba bhal din, u dana stante li soċjetà kummerċjali għandu jkollha kull dritt ta' azzjoni sabiex timblokka proċeduri għax-xoljiment tagħha jekk kemm-il darba dan mhux immeritat u jkun hemm raġunijiet validi illi jistgħu jwasslu biex il-kumpanija ssalva.

Illi huwa għalhekk illi għal dak li tgħid ir-rikorrenti noe, fis-sens illi l-kumpanija intimata ntavolat il-proċeduri fl-Isvizzera b'reazzjoni għall-proċeduri odjerni bl-għan biss li ttawwal – din il-Qorti tfakkar illi jispetta lir-rikorrenti noe illi tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha skont il-ligi u illi, minn naħa l-oħra, il-kumpanija intimata u l-uffiċjali tagħha għandhom obbligi statutorji stretti – u jafu illi jista' anke jkun hemm ir-responsabbiltà personali jekk jirriżulta illi uffiċjal/i tal-kumpanija aġixxew b'*mala fede* u/jew qerq.

Oltre minn hekk, fit-trattazzjoni tagħha l-kumpanija intimata kienet ċara meta ndikat li hi m'għandha ebda assi u l-attiv u l-passiv tagħha jikkonsisti biss fil-kreditu dovut lir-rikorrenti noe li a bażi tiegħu ġew intavolati l-proċeduri ta' xoljiment odjerni u min-naħa l-oħra l-pretensjoni li għandha l-istess soċjetà fil-konfront tar-rikorrenti noe a bażi ta' liema nediet il-proċeduri fl-Isvizzera u a bażi ta' liema proċeduri għamlet it-talba għas-soprasessjoni tal-proċeduri odjerni.

Id-difensur tas-soċjetà intimata INZ Trading Limited, li ressqet ir-rikors odjern, fit-trattazzjoni tiegħu jgħid espressament hekk (fol 588):

> *Il-kumpannija bhala assets ma ghandha xejn ghanda passiv abbazi tas-sentenza tan-naha l-ohra. Mela, jekk il-Qorti fl-Izvizzera tichad it-talba ta' din in-naha, ir-realta' x'inhi? Jien ser*

*nigi hawn u nammetti t-talba, qed inkun car u leali ghax at that point ma nista' nghid xejn iktar hlief illi hemm sentenza u li din in-naha ma ghandiex pretensjonijiet jew aspettattivi ta' xi kreditu fil-konfront tal-parti l-ohra.*

Il-Qorti ma tistax ma tagħtix piż lil din id-dikjarazzjoni.

Il-Qorti tqis ukoll il-fatt li ordni ta' xoljiment hija waħda irriversibbli u għalhekk tħoss illi tkun qed tmur kontra kull loġika u sens ta' ġustizzja li din il-Qorti tibqa' għaddejja sabiex tiddeċiedi u possibilment tordna xoljiment meta dan jista' jkun bla bżonn.

Illi l-Qorti għalhekk tikkonkludi illi a bażi tal-provi u s-sottomissjonijiet mressqa u magħmula, hija tħoss li hemm a *bona fide dispute* bejn il-partijiet, riżultanti mill-proċeduri pendenti fl-Isvizzera, liema disputa tista' tassew tinfluwenza l-bażi tal-azzjoni odjerna. Fuq li se jirriżulta mill-proċessi ġudizzjarji pendenti quddiem il-Qorti fl-Isvizzera, imbagħad din il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet dwar il-mertu ta' din il-vertenza u tara għandiex tgħaddi biex ixxolji l-kumpanija INZ Trading Ltd (C-84054) jew le a bażi ta' dak mitlub fir-rikors promotur.

Il-Qorti qed tiddikjara illi <u>għal finijiet ta' dan ir-rikors kif impustat</u> hija qed tqis il-vertenza quddiem il-Qrati Svizzeri bħala li tikkostitwixxi *a bona fide dispute*, b'dan però illi ma jfissirx illi din il-Qorti ma tikkonsidrax, jekk ikun il-każ u skont il-każ, talba għal xoljiment tas-soċjetà intimata f'eventwalità ta' talbiet bbażati fuq provvedimenti tal-liġi oħra jekk ikun hemm ċirkostanzi għalihom.

**GĦALDAQSTANT,** għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qegħda:

1. **Tilqa'** t-talba tas-soċjetà intimata INZ Trading Limited kif kontenuta fir-rikors tagħha tat-13 ta' Jannar 2023.

2. **Tiddikjara** li għalissa mhix sejra tipprovdi dwar il-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti noe kif dedotti, sakemm il-proċeduri ġudizzjarji bejn il-partijiet fl-Isvizzera jgħaddu in ġudikat.

3. **Tħalli** din il-kawża *sine die*, ri-appuntabbli fuq talba ta' parti skont l-Artiklu 964 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta` Malta b'effett mid-data li fiha l-proċeduri ġudizzjarji bejn il-partijiet fl-Isvizzera jgħaddu in ġudikat.

Jibqgħu impregudikati d-drittijiet kollha l-oħra tar-rikorrenti noe.

L-ispejjeż f'dan l-istadju jibqgħu riżervati.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**